# Tislima lil VICTOR TEDESCO



Kien l-Erbgħa, 18 ta' Marzu meta mal-Ħamrun kollu ġriet l-aħbar li kien miet Victor Tedesco. Għalkemm f'dawn l-aħħar xhur kulħadd kien jaf li saħħet Victor kienet sejra għall-agħar, donnu ħadd ma ried jammetti li s-Sur Vic kellu jitlaq u għalhekk malli ħarġet l-aħbar il-Ħamrun waqa' f'luttu kbir.

Għalkemm is-Sur Vic twieled l-Imsida huwa rabat ismu mal-Ħamrun. U dan mhux biss għaliex iżżewweġ mara Ħamruniża u kellu lil uliedu kollha mill-Ħamrun fejn għex għal bosta snin, iżda għaliex ħalla ismu miktub b'ittri tad-deheb fl-istorja tal-futbol mhux biss Ħamruniż iżda wkoll dak Malti.

Victor Tedesco kien persunaġġ kulurit u b'ħafna ħiliet. F'żgħożitu lagħab il-futbol fl-ogħla livell mal-Furjana u mbagħad qabad is-sengħa elettromekkanika u kien wieħed mill-ewwel Maltin li ħadmu bogħod minn xtutna f'din is-sengħa madditta Panta Lesco speċjalment f'pajjiżi Għarab. Hemm hu bena l-imperu tiegħu biex meta rritorna Malta ddedika ħajtu għal-logħba tal-ballun.

Wara esperjenza qasira mal-klabb ta' pajjiżu l-Imsida, hu kien ġie avviċinat minn Eddie Zammit Cordina biex jieħu l-Presidenza tal-Ħamrun Spartans meta l-klabb tagħna kien f'xifer ta' xoljiment. Hu ħataf din l-opportunità b'idejh it-tnejn u daħal biex jagħmel mill-Ħamrun Spartans l-aqwa klabb fil-pajjiż. Ħafna, inklus jien, kienu xettiċi li jirnexxilu wara snin twal ta' delużjonijiet. Iżda hu dawwar lilu nnifsu b'ħafna nies oħra li jħobbu lill-Ħamrun. Xeħet għajnejh fuq il-ħafna tfal promettenti li aħna tal-Liberty kellna fin-nursery tagħna f'dawk is-snin u ġab minn barra l-Ħamrun plejers stabbiliti bħal Ġorġ u Ray Xuereb u Edwin Farrugia mill-Furjana, Carlo Seychell mill-Valletta u Charles Zammit mill-Gżira. Ma' dawn hu ħolom li jerġa' jibda jġib plejers minn barra l-pajjiż u beda billi ġab żewġ Ingliżi, Peter Hatch u John Linacre. Iżda t-tim kien tant b'saħħtu li anke dawn damu ma sabu post permanenti fit-tim Ħamruniż. U hekk bdiet l-avventura Ħamruniża tas-snin tmenin li ġennet lil kull Ħamruniż għal wara l-Ispartans. Irbaħna u ċċelebrajna pataflun ta' unuri u l-għajta tagħna saret "Minn Ta' Qali Għal Strada Rjali". Kulħadd bit-T-Shirt tal-Ħamrun Spartans u jdoqq is-diski Spartani. Snin li min bħali kellu x-xorti li jgħixhom żgur li ma jista' jinsihom qatt.



Is-Sur Vic kien jaf jitkellem u jikkonvinċi. Kien jifhem fil-logħba u l-plejers kienu jafu li ma jistgħux jidħku bih. Kien mhux biss President, iżda wkoll preżenti fuq il-bank biex igħin lill-kowċ u jimmotiva lill-plejers. Kien avventuruż u ħafna mill-ideat tiegħu li kienu jidhru bombastiċi u mpossibbli, hu wettaqhom u oħrajn wettquhom warajh.

Ħolom li jibni stadium fil-Ħamrun u għalkemm iffaċċjat minn ħafna tfixkil u oppożizzjoni wasal biex jibnih u llum, bix-xogħol ta' ħafna oħrajn li ġew warajh għandna stadium fost l-isbaħ u l-aqwa f'Malta. Naturalment mhux kull ma għamel Tedesco kien perfett u f'ħafna mill-ideat tiegħu jien ukoll ma qbiltx miegħu, iżda mill-banda l-oħra jien tal-fehma li kieku ma wasalx fil-ħin opportun, kieku żgur ma konniex ngħixu ż-żmien glorjuż tar-renju tiegħu.

Illum qegħdin niġġieldu biex nerġgħu naraw lill-Ħamrun Spartans fil-quċċata. Dan qed jidher impossibbli u kultant naħbtu naqtgħu qalbna. Iżda jekk nippruvaw niftakru fis-Sur Vic u nagħmlu l-isforzi li kien jagħmel hu u nkunu determinati kif kien hu, jien naħseb, anzi ninsab ċert li naslu.

Saħħa Sur Vic, u strieħ fil-paċi.

**George D'Amato**